MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Numru 55/2005

**Il-PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND D'ANASTAS**

**VS**

**JOHN CUTAJAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra John Cutajar ta' 55 sena, bin Richard u Evangelista nee' Pace, imwieled il-Hamrun nhar il-25 ta' Jannar, 1949, u residenti fil-fond numru 67, Queeney's, Triq l-Akwadott, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 128 649 (M);

Akkuzat talli nhar it-18 ta' Lulju, 2002, ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara l-ikel, gewwa Triq it-Tigrija, kantuniera ma' Triq l-Iljun, f'Hal-Qormi, b'nuqqas ta' hsieb,

bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Rupert Portelli minn Birkirkara, u dan meta kien qieghed isuq u/jew kellu taht il-kontroll tieghu vettura bin-numru tar-registrazzjoni TR 135, tal-marka Toyota, u laqghat u/jew tajjar lil imsemmi Rupert Portelli.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 225 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 15 A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta omicidju involontarju wara incident stradali bejn l-imputat u l-vittma Rupert Portelli nhar it-18 ta' Lulju, 2002. Mid-dinamika tal-incident kif indikat fil-*proces verbal a fol* 48, u kif jirrizulta mill-provi prodotti, l-imputat ghamel manuvra bil-vettura tieghu u qasam minn triq princpali ghal go triq sekondarja, lejn il-lemin tieghu. Il-habta sehhet billi l-mutur misjuq minn Portelli, li kien gej mid-direzzjoni opposta b'velocita' eccessiva, sab il-vettura tal-imputat taghlaq it-triq f'daqqa u peress illi ma kellux bizzejjed hin jevita' din il-manuvra tal-imputat, habat fil-vettura fuq ix-xellug taghha. Huwa miet ftit jiem wara, kawza tal-griehi li sofra fl-incident.

Hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-imputat naqas milli jzomm *a proper lookout* meta ghamel il-manuvra li ghamel, aktar u aktar jekk ma kellux *indicator lights* ta' fuq il-lemin jahdmu. Huwa minnu li Portelli kien ghaddej b'velocita' eccessiva. Il-hsarat fil-mutur u fil-vettura tal-imputat, apparti provi ohra, huma xhieda bizzejjed ta' dan, izda ghalkemm din ghandha titqies bhala negligenza kontributorja da parti tal-vittma, xorta ma tezonorax lill-imputat mill-htija ghall-incident in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti u tikkundannah multa ta' erbat elef lira maltin (Lm4,000.00)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------